**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)**

**ILLUM 21 TA' GUNJU 2017**

Assistant Kummissarju Stephen Gatt et

vs

Jeffrey Cilia u Giuseppe Christopher Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 468273m u 96095m rispettivament akkuzati talli nhar it-22 ta' Dicembru 2011 fl-inhawi ta' San Giljan ghall-habta tal-4.00am:

a. minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' Matthew Debono f'periklu car, ikkagunajtu hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Matthew Debono, liema offizi fuq il-persuna huma ta' natura gravi skond kif iccertifikat Dr. Cristina Mintoff MD;
b. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi wettqu offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Matthew Debono, Omar Debono u Alik Debono skond kif iccertifikaw Dr. Cristina Mintoff MD u Dr Aduke Adegbite MD;
c. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew kontra l-persuni ta' Matthew Debono, Omar Debono u Alik Debono sabiex jingurjawhom, idejquhom jew sabiex jaghmlu hsara lil dawn il-persuni;
d. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kissru il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

lil Jeffrey Cilia wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi:

e. ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 928 Raymond Mifsud Grech wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
f. m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku cioe ta' Surgent tal-Pulizija Raymond Mifsud Grech numru PS 928 jew ma halliex jew fixkel lil PS 928 waqt li kien qighed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijiet tieghu billi ma halliehx jaghmel dak li b'ligi kien ordnat li jista' jaghmel;
g. ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti;
h. bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu hu kellu d-dmir li jimpedixxi;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet jirrisalu ghal 22 ta' Dicembru 2011. Jittrattaw, kontra z-zewg imputati flimkien, l-offiza gravi allegatament sofferta minn Matthew Debono, l-offizi ta' natura hafifa allegatament sofferti mill-imsemmi Matthew Debono, u miz-zewg hutu, Omar u Alik Debono, wkoll l-offiza kontravenzjonali tal-ksur tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku. Kontra l-imputat Jeffrey Cilia wahdu, huwa akkuzat ukoll ta' ingurja, theddid jew li ghamel offiza kontra Ps928 Raymond Mifsud Grech u ma obdiex l-ordnijiet legittimi tieghu, li qal kliem oxen u indecenti fil-pubbliku, u oltre, li bhala Spettur tal-Pulizija kellu d-dmir biex jimpedixxi li jsiru reati.

Fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali isegwi l-imputazzjonijiet kif riportati fit-tahrika bid-differenza li zied l-offiza kontravenzjonali tal-hebb, fuq l-iskorta ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9.

Hawnhekk, u fil-konfront tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali, rigwardanti z-zewg imputati flimkien, il-Qorti taghmel riferenza a folio 265 u r-rinunzja reciproka tal-imputati u l-parti leza. Pero' qabel ma tghaddi biex tiddikjara procediment esawrit fil-konfront tal-Artikoli 214, 215, 221 u 339(1)(d) tal-Kap 9, minn fost dawk citati mill-Avukat Generali kontra z-zewg imputati flimkien tistqarr li l-incident kien provokat minn agir anti socjali tal-parte civili meta qacctu pjanti ppjantati biswit il-lukanda Inter-Continental, f' Paceville, u gew, minhabba f'hekk, mitkelma mill-imputat Jeffrey Cilia.

Fir-rigward l-Artikolu 216 u 338(dd), il-bqija tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali kontra z-zewg imputati flimkien, jinghad, fil-konfront ta' l-ewwel, li l-ebda offiza fuq il-persuna tal-parte civili Matthew Brincat, ma tirrizulta fl-ambitu tal-artikolu citat b'daqstant li kull offiza ohra hi klassifikabbli bhala hafifa, u fil-konfront tat-tieni, li ma jirrisultax li l-incident ikkawza anki minimu ta' thassib jew apprensjoni f'terzi.

Konsegwentement, u fil-konfront tal-akkuzi riportati kontra z-zewg imputati flimkien, tiddecidi:

- ghal dak li jikkoncerna l-akkuzi ippotizzati taht l-Artikolu 214, 215, 221u 339(1)(d) tiddikjara procediment esawrit;
- tillibera lill-imputati mill-bqija tal-artikoli citati stante li l-provi ma jwasslux ghall-konvicju taghhom taht l-artikoli in kwistjoni.

Ikkonsidrat:

Kontra l-imputat Jeffrey Cilia wahdu, mhux kontestat li japplika fil-konfront tieghu l-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali rigward l-offizi li bihom hu akkuzat, senjatament:

- li ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Ps928 Raymond Mifsud Grech, b'dan li gie akkuzat bl-Artikolu 95 tal-Kap 9;
- li, fil-kuntest tal-fatti emergenti mill-atti, li irrenda ruhhu hati tal-offizi kontravenzjonali fuq li qal kliem oxxen u indecenti fil-pubbliku u li ma obdiex xi ordnijiet legittimi ta' Ps928 jew fixklu fil-qadi tad-dmiru;

Mill-assiem tal-provi tal-pulizija dwar x'sehh fl-incident 'de qua' bejn l-imputati u Ps928, il-Qorti mhiex qed tirrjavisa li l-imputat jista talvolta jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 95 jew ukoll fl-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 dan fil-kuntest ta' dak li rrisulta li gara bejnithom li kien,

tista' tghid, battibekk mhux relatat u ghalhekk estranju mas-servizz ta' ufficjal pubbliku tas-surgent jew ukoll fl-esekuzzjoni tas-servizz tieghu ta' ufficjal pubbliku. Apparti kollox, l-imputat Jeffrey Cilia, wkoll fl-okkazjoni tal-incident, kojinvolta l-parte civili, agixxa fil-vesti ta' ufficjal pubbliku meta intervjena biex ma sirx hsara u hemmhekk kellu certament grad superjuri ghal surgent. Il-kliem indecenti pero' tlissnu.

Tiddecidi ghalhekk li ssib l-imputat Jeffrey Cilia hati unikament taht l-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9. Stante l-attenwanti generici, tikkundannah it-twiddiba. Tilliberah mill-kumplament.

A.M.Trigona
Magistrat